TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. ATEM

Seduta tat-Tlieta 5 ta' Jannar 2016

Avviz Numru 43/2015 (KM)

Perit Edward Scerri
Vs
Francis Meylak

**It-Tribunal,**

Ra' l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil-attur is-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin Ewro u sittin centezmu (€ 781.60) dovuti lilu kwantu ghal sitt mija u wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu (€ 631.60) drittijiet professjonali ta' perit flimkien mat-taxxa fuq il-Valur Mizjud u kwantu ghal hamsin Ewro (€ 50) spejjes inkorsi. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali ta' Marzu 2015 kontra l-konvenut.

Il-konvenut debitament notifikat ma rrispondiex ghal din il-kawza u l-anqas deher biex jikkontestha.

Ra' d-dokumenti kollha esebit.

Sema' x-xhieda kollha mressqa.

Ra' d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma rrispondiex ghal din il-kawza u l-anqas deher biex jikkontestha. Skond dak verbalizzat minn l-avukat ta' l-attur l-konvenut prometta li jhallas izda l-hlas ma wasalx.

L-attur ikkonferma u spjega dak li kien dovut lilu ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal. Dak li talab l-attur bhala hlas ghal servizzi professjonali kien entro d-drittijiet tieghu.

Dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn it-talba attrici ma ghandiex tigi akkolta in toto.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet ta' l-attur, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin Ewro u sittin centezmu (€781.60). Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

D/Registratur